MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 979/2012

**Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**VS**

**Raymond Cauchi (170258M), Wong Xuan (20710A) u Wong Xhen Yong (20708A) f'isimhom personali kif ukoll bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Xiang Long Company Limited (C24687)**

**Il-Qorti ;**

Rat ir-rikors ta' Wang Xuan, tat-28 ta' Settembru 2012 li jaqra hekk:

*"Premess illi gie ezegwit fil-konfront tal-mittenti l-mandat ta' sekwestru ezegwit f'dina l-Qorti fl-ismijiet premessi numru 1327 /2012 ghas-somma ta' €54,308.10;*

*U billi l-istess mandat gie ezegwit fuq il-kawzali li l-kreditu gie rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficjali ezekuttiva nru 2725/2008, (u dana kif dikjarat fl-istess mandat);*

*U billi l-mittenti qed jaghti ruhu b'notifikat b'dan il-mandat u dan wara li dan jaf da parti tal-bank fejn huwa ghandu l-kont bankarju tieghu;*

*U billi l-mittenti mhuwiex direttur tal-kumpanija Xiang Long Company Limited u m'ghandu ebda sehem jew interess fl-msemmija kumpanija kif debitament anke konfermat mill-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) nhar it-28 ta' Gunju 2012 fil-kaz The Police (lnspector Ramond Mercieca vs Wang Xuan;*

*U billi di piu' u bla pregudizzju ghal dak ga suespost l-esponent beda jigi notifikat fuq l-indirizz 'Utopia', Flat 1, Triq il-Wied ta' l-Imsida, l-Imsida meta l-Kummissarju kien ben konsapevoli li r-residenza ordinarja tal-esponent ma' kinitx fil-fond msemmi izda kienet 24, Triq it-Torri, Qrendi tant li f'kawza ohra mressqa mill-istess Kummissarju l-esponent gie debitament notifikat fuq dan !-indirizz;*

*U billi di piu' u bla pregudizzju ghal dak ga suespost l-ittra ufficjali fuq premessa ma gietx segwita l-procedura rikjesta sabiex l-istess ittra tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini ta' l-artiklu 59 tal-Kap 406, u dana billi fil-fatt il-Kummissarju qatt ma' talab il-hlas ta' kull penali amministrattiva u taxxa skond l-Att Dwarit-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bil-mezz ta' talba ghall-hlas kif rikjest fl-istess att li jsir u dan billi ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap 406, il-procedura sabiex ammont dovut lill-Kummissarju jista' jigi rez esekuttiv, huwa, li qabel xejn tintbghat nota ta' talba ghall-hlas u jekk id-debitur ma jhallasx fi zmien tletin jum minn meta tkun tigi notifikata, il-Kummissarju jista' jipprocedi biex jinnotifika lid-debitur b'avviz mahrug li juri ammont ta'taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna;*

*U billi di piu' u bla pregudizzju ghal dak ga suespost l-intimat dejjem talab il-hlas ta' ammont bilancali minghajr ma ta' breakdown ta' x'inhu dovut bhala taxxa u bhala penali u bhala imghax. Illi dan il-breakdown mhuwiex biss rekwizit mill-artikolu 59 tal-Kap 406, izda huwa essenzjali wkoll ghad-dritt ta' smiegh xieraq sabiex wiehed ikun jista' jikkontesta l-ammont (u l-likwidazzjoni ta' dak l-ammont).*

*Ghaldaqstant l-mittenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja li tiddikjara li l-esponenti ma ghandhu jaghti xejn lil Kummissarju intimat kif minnu pretiz u kull dikjarazzjoni ohra opportuna u xierqa:*

*Tiddikjara l-Ittra Ufficjali Ezekuttiva 2725/2008 u s-susegwenti Mandat ta' Sekwestru 1327/2012 bhala nulli u bla effett premessa li ma' gietx segwita l-procedura rikjesta mill-ligi;*

*Tiddikjara li di piu' I-lttra Ufficjali Ezekuttiva 2725/2008 u s-susegwenti Mandat ta' Sekwestru 1327/2012 ma' jilhqux il-vot ta' Artiklu 59 tal-Kap 406 inkwantu ma' giex specifikat l-ammont dovut bhala taxxa u bhala penali amministrattiva;*

*Tirrevoka u thassar l-effetti kollha tal-mandat ta'sekwestru numru 1327/2012 u kif ukoll tal-ittra ufficjali u dana salv kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni ta' l-intimati in subizzjoni."*

Rat illi ir-rikors promotur d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro-parti;

Rat ir-risposta 22 t'Ottubru 2012, tad-Direttur Generali tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud ghar-rikors tat-28 ta'Settembru, 2012 ta' Wang Xuan li taqra hekk:

*"Illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra r-rikorrent ghas-segwenti ragunijiet:*

1. ***Illi**, in limine litis, ir-rikors tar-rikorrent huwa null u bla effett peress li, kif imsejjes, huwa irritu w irritwali u, ghalhekk, l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. It-talba tar-rikorrent, sabiex it-titolu, ezekuttiv li jgawdi l-eccipjent fil-konfront tar-rikorrent jigi rrevokat, tistrieh fuq kawzali illi hija ndipendenti u differenti ghal kollox mill-kawzali tat-talba attrici sabiex il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li jgawdi l-eccipjent fil-konfront ta' l-attur jitqies null u jithassar. Kwindi, galadarba t-talbiet tar-rikorrent huma msejsa fuq kawzali divirgenti minn xulxin m'huwiex proceduralment permess li jingiebu f'kawza wahda;*

2. ***Illi** preliminarjament ukoll, it-talba sabiex it-titolu ezekuttiv li jgawdi l-eccipjent fil-konfront tar-rikorrent jigi rrevokat hija nulla u bla effett stante li ma tistghax tintlaqa' minhabba li r-rikorrent kellu **fi <u>zmien ghoxrin jum min-notifika</u>** ta'l-itttra ufficjali jopponi ghat-talba ta' l-eccipjent billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda nfondata[1];*

3. ***Illi** minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, kuntrarjament ghal dak li qieghed jigi allegat mir-rikorrent Xuan fir-raba' premessa tar-rikors guramentat tieghu, r-rikorrent Xuan huwa fil-fatt direttur tal-kumpannija Xiang Long Company Limited (C 24687) - (ara dok A u B - dokumenti tal-MFSA li jindikaw, l-indirizz tas-societa' u listi tad-diretturi bl-ID No u l-indirizz taghhom) ;*

4. ***Illi** bir-rispett, il-fatt illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha bhala Qorti Kriminali lliberat lir-rikorrent Xuan fuq aspett tekniku (u cioe' ghaliex jismu Wang u mhux 'Wong' hekk kif rappurtat fid-dokumenti fficjali ta' l-MFSA u konsegwtentament kif inharget it-tahrika) (ara dok C - decizjoni tal-Qorti Kriminali) ma jimpingix fuq il-kawza odjerna. Kif taf ben tajjeb din l-Onorabbli Qorti, l-emendi ghall-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li sehhew fl-1995 gew introdotti proprju sabiex proceduri giudizzjarji bhal dawn ma jehlux (u ma nintilfux u konsegwentment ma nahlux il-hin tal-Qorti) fuq semplici punt tekniku bhal zball fl-isem ta' xi parti.[2] In ogni caso, ta' min jirrileva li n-numru tal-Karta ta' l-ldentita' tar-rikorrent Xuan huwa f kull kaz (kemm fl-okkju tal-kawza odierna u kf ukoll fir-registru tal-kumpanniji fejn ir-rikorrent Xuan huwa mnizzel bhala direttur tal-kumpannija surriferita) <u>20710A</u> (ara dok B) u li ghaldaqstant huwa ben car illi l-persuna li hija fil-fatt id-direttur tal-kumpannija Xiang Long Company Limited huwa r-rikorrent Xuan u hadd aktar;*

5. ***Illi** jekk kemm-il darba r-rikorrent Xuan qieghed jallega li huwa mhux direttur tal-kumpannija Xiang Long Company Limited, huwa kien obbligat sabiex jiehu l-passi necessarji ghall-istralcjar t'ismu minn fuq ir-registru tal-kumpanniji*

---

[1] *Art 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta'Malta*

[2] *"… the rules of procedure should be preordained to the securing of the substantive right and not to its defeat on merely technical grounds..." Report to the Permanent law Reform Commission on a Comprehensive Review and Amendments to the COCP (Department of Infbrmation), pg7.*

*permezz tal-formola relattiva u cioe' l-Form K liema formola, baqghet qatt ma giet prezentata. (ara dok D - MFSA lista tad-diretturi f'Ottubru 2012) Ghaldaqstant, ir-rikorrent Xuan issa ma jistghax jevadi r-responsabbilta' fiskali tieghu u jallega li huwa mhuwiex direttur tal-kumpannija surriferita. Jidher car illi l-iskop ahhari u uniku tar-rikorrent huwa li jtawwal il-process sabiex jipprova jipposponi l-hlas minnu dovut lill-eccipjent;*

6. ***Illi** fejn r-rikorrent qed jallega illi ma gietx esegwita l-procedura rikjesta u dan billi qed jallega li l-esponent qatt ma talab il-hlas ta' kull penali amministrattiva u taxxa skont l-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' talba ghal hlas irid jinghad li fil-fatt l-esponent dan ghamlu u qed jigi esebit l-avviz ghall-hlas (Ara Dok E) ;*

7. ***Illi** rigward il-fatt li r-rikorrent Xuan qieghed jallega li huwa kellu jigi notifikat il-Qrendi u mhux l-Imsida, l-esponent jishaq illi l-indirizz tar-rikorrent skond il-Memorandum & Articles of Association (ara dok F) u skond l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta huwa Flat 1, Utopia, Triq il-Wied ta' l-Imsida, L-Imsida (ara dok B u D); f'kull kaz r-rikorrent kellu l-obbligu li jinforma lill-esponent bil-bdil fl-indirizz tieghu u naqas milli jaghmel hekk. Ghaldaqstant, ir-rikorrent Xuan issa ma jistghax jittanta jirkeb minn fuq nuqqas tieghu u minn fuq jipprova jiehu vantagg fiskali; Inoltre, l-Art 73 (3) Kap 406 jghid illi avviz jista' jintbaghat kemm fl-indirizz tal-persuna kif ukoll fl-indirizz tan-negozju. Fil-kaz odjern l-indirizz tar-rikorrent huwa l-istess indirizz tal-kumpanija kif inhu indikat fid-dokumenti tal-MFSA (ara dok G);*

8. ***Illi** rigward il-breakdown ta' x'ikun dovut, id-Dipartiment jibghat "ledger statement" regolarment lil kull persuna registrata u jindika l-perjodi fejn ikun hemm bilanc dovut u anke f'hiex jikkonsisti bhala taxxa, penali u interessi. Fil-kaz odjern qed jigi anness il-ledger statement li kien intbaghat f Mejju 2008 u cioe' ftit qabel ma hargu l-avvizi ghall-hlas lid-diretturi f isimhom personali . [ara dok H];*

9. ***Illi** t-talba attrici ghat-thassir ta' l-lttra Ufficjali Ezekuttiva 2725/2008 u tas-sussegwenti Mandat ta' Sekwestru 1327/2012 hija irrita u bla effett skond il-Ligi.*

*Dan ghaliex sabiex ir-rikorrent Xuan jghid illi ma hemmx titolu ezekuttiv, jinkombi fuqu l-oneru illi jaghmel l-prova ta' zewg hwejjeg: fl-ewwel lok, irid jipprova illi l-esponent ma baghat l-ebda avviz illi juri l-ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti; u fit-tieni lok, irid jipprova illi gab provi kuntrarji wara li ha l-avviz.*[3] *Ebda wahda minn dawn il-vertenzi ma jista' jinghad illi sehhet fil-kaz odjern. L-Onorabbli Prim' . Awla tal-Qorti Civili tkompli sabiex tikkonferma s-sueccepit billi tishaq is-segwenti:*

*"Mela abbazi tal-ewwel subartikolu tal-Art.59, ladarba l-avviz ghall-hlas wasal ghand ir-rikorrenti, u ladarba ma rrizultax illi r-rikorrenti taw prova kuntrarja kif tghid l-istess disposizzjoni, ghal dak pretiz minnhom mill-intimat, dak l-avviz sar titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti. Huwa ben car mit-test tal-istess disposizzjoni illi prova kuntrarja, jekk hemm, trid tinghata a tempo vergine wara li jasal l-avviz ghand il-persuna koncernata sabiex l-avviz ma jsirx titolu ezekuttiv, u allura mhux wara li ssir l-esekuzzjoni ta' mandat ezekuttiv.* ***Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ewwel kawzali tar-rikorrenti kif dedotta hija legalment insostenibbli****."*[4]

*10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Wang Xuan tal-4 ta' Frar 2014 (a fol. 121 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tal-25 ta'Marzu 2014 (a fol. 130 et seq.);

---

[3] *Ara P.A. JZM 17.09.2012 fil-kawza (appellata) fl-ismijiet* ***Kummissariu tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Carmelo Bianco (44368M) f'ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-societa' Western Companv Limited (C-19994) - l-ahhar paragrafu ta' pagna l0***

[4] *P.A. JZM 17.09.2012 fil-kawza (appellata) fl-ismijiet* ***Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Carmelo Bianco (44368M) f ismu personali kif ukoll bhala direttur ehan-nom u in rapprezentanza tas socjeta' Western Companv Limited (C-19994) - it-tieni paragrafu ta' pagna 13****. F'dan is-sens ukoll, P.A. GV 19.11.2008 fil-kawza fl-ismijiet* ***Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Mark Grima u Simon Grima f'isimhom personali kif ukoll bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Grima Communicaions Limited - minn pasna 3 sa 5***

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza titratta talba da parti ta' Xuan Wang kontra d-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex din il-Qorti tiddikjara l-ittra ufficjali ezekuttiva 2725/2008 bhala nulla u bla effett, fil-ligi u li l-mandat ta' sekwestru 1327/2012 kien in vjolazzjoni tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 u ghar-revoka u thassir tal-istess ittra ufficjali ezekuttiva 2725/2008 u mandat ta' sekwestru 1327/2012.

Illi mill-provi jirrizulta illi r-rikorrent Xuan Wang ta' nazzjonalita' Ciniza u l-familja tieghu, kienu gew jirrisiedu Malta fis-sena 1998 meta Wang **kellu biss sittax–il sena** – vide affidavit a fol. 54. Xi sena wara il-genituri tieghu kienu ltaqghu ma Raymond Cauchi. Il-genituri tieghu kellhom ix-xewqa li jifthu *restaurant* u Cauchi kien infurmahom illi sabiex jaghmlu dan kellhom bzonn ta' socju Malti, li hu kien lest illi jiehu dan l-irwol u jiehu hsieb tax-xoghol amministrattiv ta' dan in-negozju. Xuan Wang ikkonferma li il-genituri tieghu kellhom fiducja ceka f'Raymond Cauchi u kienu iffirmaw kwalunkwe karta jew formola mghoddija lilhom minn Cauchi. **Xuan Wang xhed li huwa dak iz-zmien kien ta' eta minorenni u bilkemm kien ghadu jaf bil-lingwa Ingliza.** Cauchi kien dejjem accertah illi hu (Xuan Wang) ma kellu x'jaqsam xejn man-negozju tar-*restaurant*.

Fil-bidu tas-sena elfejn, Xuan sab dokumentazzjoni bil-firma tal-mara ta' Cauchi u informa lil genituri tieghu. Kien f'dan l-istadju illi Raymond Cauchi ammetta illi **r-*restaurant* kien tieghu biss u li l-genituri tieghu ma kellhom ebda sehem fih**. Illi ghalhekk il-genituri iddecidew li jghalqu ir-*restaurant* u Raymond Cauchi iprometta illi jiehu hsieb mill-att amminstrattiv tal-kjuzura tar-*restaurant*. Fis-sena 2000 hu, flimkien mal-genituri tieghu, ma baqghux joghqodu l-Imsida u qatt ma rcieva xi tip ta' korispondenza mill-indirizz tal-Imsida.

F’Marzu 2012 huwa kien imressaq b’akkuzi kriminali fuq din il-materja u gie liberat – vide Dokument C a fol. 21, sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 28 ta’ Gunju 2012.

Xuan Wang iddikjara illi huwa **qatt ma kien rceva** xi dokument iehor mid-Dipartiment tal-VAT u sar jaf illi dan id-Dipartiment kien ha azzjoni ulterjuri **meta l-bank tieghu nnotifikah bil-mandat ta’sekwestru** fuq l-akkonti bankarji tieghu.

Illi Xuan Wang in kontro ezami a fol. 88a et seq, xhed illi huwa Direttur tal-kumpanija tieghu li ggib l-isem ta’ Luxidi. Muri dokument a fol. 20, Wang ikkonferma l-ismijiet tad-Diretturi l-ohra cioe’ missieru u Raymond Cauchi, u rega’ ikkonferma li Raymond Cauchi kien informa lil genituri tieghu illi kienu jirrikjedu terza persuna sabiex jifformaw il-kumpanija dak iz-zmien, huwa kellu bejn hmistax u sittax –il sena. Illi huwa qatt ma agixxa bhala Direttur, u qatt ma iffirma dokument. Huwa ma kienx konoxxenti tal-fatt li kien ghadu indikat bhala Direttur tas-socjeta’ Xiang Long Company Limited. Wang ikkonferma n-numru tal-karta tal-identita’ tieghu izda xhed li kunjomu kien Wang u mhux Wong kif indikat. Mitlub jghid ‘l ghaliex ma ssottomettiex il-Form K qabel, Wang jirrispondi **li huwa kien ghadu minorenni u ma kienx ghadu konoxxenti tal-procedura rikjesta** u li din kienet **saret biss mill-Avukat tieghu, waqt il-proceduri waqt il-Qrati tal-Magistrati.** Mitlub jghid kif il-genituri tieghu ma kellhomx ishma fis-socjeta’ Xiang Long Company Limited, Wang xhed li l-genituri tieghu kienu fdaw lil Raymond Cauchi, kienu investew il-*life long savings* izda l-ishma baqghu f’idejn Raymond Cauchi u martu. Meta il-genituri tieghu irrealizzaw dana kollu, huma ghalqu r-*restaurant*, u ftit wara telqu minn Malta. Di piu’ l-konjugi Cauchi illum il-gurnata huma ddivorzjati. Wang a fol. 88i rakkonta l-manjiera illi biha Raymond Cauchi kien qarraq bil-genituri tieghu.

Dr. Claudine Fenech Ufficcjal Legali mar-registru tal-kumpanija fi hdan il-Malta Financial Services Authority, ikkonfermat illi l-kariga ta’ Xuan Wang kienet giet registrata mill-bidu nett u cioe’ mal-inkorporazzjoni tal-kumpanija Xiang Long Company Limited, u ezebit il-Memorandum and Articles of Association Dokument CF a fol. 64 sa 70. **Dr. Fenech ikkonfermat illi r-rikorrent Wang kien baghat il-Form K cioe’ rezenja minn Direttur tal-Kumpanija** u l-Awtorita’ kienet irispondiet fis-sens li jekk qatt ma kien Direttur, kif qieghed jirrezenja minn din il-kariga? – vide ittra a fol. 96.

Irrizulta ukoll illi kien hemm zball fil-kunjom tar-rikorrenti l' ghaliex fil-Memorandum and Aricles of Association huwa kien imnizzel bhala Wong u mhux Wang kif jirrizulta li filfatt jismu skond il-karta tal-identita' li tinstab a fol. 55 tal-process.

Mary Tanti a fol. 70 mill-Ufficju Elettorali kkonfermat li kunjom ir-rikorrent huwa filfatt Wang.

Joseph Attard Economic Officer fi hdan il-VAT Department xhed illi s-socjeta' Xiang Long Company Limited ma ghamlet ebda pagament lid-Dipartiment tal-VAT u l-VAT dovut kien jammonta ghall **elfejn sitt mija tlieta u erbghin Ewro u tmenin centezmu il-kumplament huma penali u interessi.** Attard ikkonferma illi d-Dipartiment qatt ma rceva informazzjoni dwar bdil tad-Diretturi.

Fit-2 ta' Lulju 2008, Attard xhed li inbghatet *demand notice* lid-Direttur Xuan Wang – Vide Dokument H a fol. 39 sa 48.

Fl-ahhar xhieda ta' Wang a fol. 89f, Wang gie mistoqsi 'l ghaliex ma kienx informa lid-Dipartiment tal-VAT bil-bdil tal-indirizz tieghu, Wang ikkonferma li la huwa ma kienx jaf li kien Direttur, ma setghax ikun jaf illi qua Direttur kellu l-obbligu li jinforma lid-Dipartiment tal-VAT bil-bdil tal-indirizz. Illi huwa kien ipprezenta l-Form K biss wara li kien kellem lill-Avukat tieghu fuq il-proceduri kriminali. Wang baqa' jishaq illi huwa ma kienx jaf illi d-Dipartiment tal-VAT kienu hadu proceduri ulterjuri kontra tieghu.

**Ikkonsidrat :**

Jirrizulta illi s-socjeta' Xiang Long Company Limited giet registrata fl-10 ta'Gunju 1999 – vide Dokument F a fol. 26 fejn a fol. 30 Xuan Wong jidher illi gie indikat bhala Direttur tal-imsemmija socjeta'. Skond il-karta' tal-identita' tar-rikorrenti **Wang, jidher illi d-data tat-twelid tieghu hija l-25 ta' Settembru 1982 u ghaldaqstant jirrizulta li fid-data tal-inkorporazzjoni tas-socjeta' rilevanti, Wang kien minorenni**, u dana apparti l-fatt illi l-isem tieghu gie registrat inkorettement – vide sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Gunju 2012 a fol. 57 u 58.

Fil-kaz tal-lum, l-intimat jghid li huwa ottjena titolu ezekuttiv enforzabbli kontra r-rikorrent abbazi tal-Artikolu 59 tal-Kap.406 .

L-Artikolu 59 tal-Kap.406 jaqra hekk -

> ***(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat- Tieni Ktieb tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.***
>
> ***(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il- persuna, il-Kummissarju jista' jghaddi biex jigbor dak il- hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju. Meta jiskadi l- perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru ta' l-artijiet, skond il-kaz, nota ta' privilegg ghall-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta' privilegg tista` tigi registrata minn kull avukat jew nutar.***
>
> ***(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 468 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw dwar kull mandat mahrug bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi f 'dan l-artikolu u ghall-izbank ta' kull flus li jingabru mill-bejgh***

> ***fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda opposizzjoni jew rizerva fic-cedola ta' depozitu ma ghandha twaqqaf il-hlas ta' xi somma li tkun depozitata fil- qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.***

Illi kif gie ritenut fil-kawza **Christopher Caruana vs Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud** deciza fit-**12 ta'Jannar 2011** per **Imhallef Dr. J. Zammit Mckeon**, l-intimat huwa tenut illi jipprova n-notifika tad-*demand notice* skond il-ligi:

> ***"Din il-Qorti gharblet b`reqqa kull prova nkluz id- dokumenti li kienu esebiti mill-intimat, bhala prova da parti tieghu li mexa ma` l-ewwel (1) subiniciz u l-ewwel parti tat-tieni (2) subinciz tal-Art.59. In partikolari qeghda tirreferi ghal Dok AB1 et seq (minn fol 69 et seq).***
>
> ***Mid-dokumenti esebiti, qieghed jirrizulta li kull avviz ghall-hlas ta` ammonti pretizi bhala dovuti mill-intimat ntbaghat mhux lir-rikorrent bhala rapprezentant ex lege izda lill-kumpannija Equipment Hire Limited li kienet il- persuna registrata mal-intimat ghall-fini tal-Kap.406.***
>
> ***Dak li r-rikorrent qieghed jikkontesta bil-procedura tal-lum huwa li l-intimat ma jistax jippretendi li ghandu titolu ezekuttiv kontrih skond it-tieni parti tas-subinciz (2) tal-Art.59 ghaliex ma jirrizultax li r-rikorrent ut sic qatt kien notifikat bil-mezz ta` nota ta` avviz ta` hlas ta` taxxa u penali amministrattiva kif previst bl-ewwel parti tas- subinciz (1) tal-Art.59. Fil-kaz tal-lum, din il-mankanza da parti tal-intimat tassumi aktar rilevanza minhabba l-fatt li l-pern ta` kull kontestazzjoni da parti tar- rikorrent kienet li sa mit-22 ta` Dicembru 2002 `il quddiem huwa ma kellu l-ebda involvement fil- kumpannija de quo la bhala azzjonista u lanqas bhala direttur.***

> ***Mela ghall-fini ta` aktar kjarezza , din il-Qorti tghid li sabiex l-intimat seta` jipprocedi bil-presentata (u eventwali notifika) tal-att gudizzjarju kontra r-rikorrent de proprio skond l-Art.59(2) huwa kien fl-obbligu li jassikura li jaghmel notifika tan-nota ta` hlas lir-rikorrent de proprio skond l-ewwel parti tal-Art.59(2). Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax li sar hekk .***
>
> ***Ghalhekk l-ittra ufficjali tal-14 ta` Jannar 2008 kienet intempestiva u kif dedotta kienet improponibbli kontra r-rikorrent fil-kuntest tal-Art.59(2) tal-Kap.406, liema disposizzjoni hija wahda, mhix disgunta izda hija komprensiva."***

Illi s-sentenza fuq citata giet konfermata mill-Appell fis-sentenza fl-istess ismijiet deciza mill-Qorti tal-Appell datata 27 ta' Gunju 2014.

Fil-kaz in ezami c-cirkostanzi huma aktar gravi, l-intimat ezebixxa biss Dokument H, datat 16 ta' Mejju 2008 u Dokument E a fol. 25, u cioe' l-ittra tat-2 ta' Lulju 2008 lil Wong Xuan. Ebda prova ta' notifika ta' din id-*demand notice* ma giet prodotta mill-intimat. L-intimat serrah il-provi tieghu fuq l-indirizz ta' Wong Xuan (mhux Wang Xuan) kif gie indikat fil-Memorandum and Articles of Association u l-allegat nuqqas da parti ta'Xuan t'avviz ta' bdil tal-indirizz lid-Dipartiment. Lanqas ma giet ezebita n-notifika tal-att gudizzjarju skond l-Art.59(2).

Illi di piu' l-isfond tac-cirkostanzi ta' kif gie nominat Xuan Wang bhala Direttur f'din is-socjeta' minn Raymond Cauchi meta Wang kien ghadu minorenni u bilkemm jitkellem bil-lingwa Ingliza, johrog car il-prattika ta' qerq u ingann da parti ta' Cauchi mhux biss fuq il-minuri Xuan Wang izda wkoll fuq il-genituri tieghu illi kkonsenjawlu, b'fiducja ceka fih, gidhom kollu, waqt illi Cauchi zamm f'idejh u f'idejn martu, l-ishma kollha tal-kumpanija. Illi ghalhekk jirrizulta b'mod mill-aktar evidenti illi Wang sar jaf biss illi kien qed jigi meskolat fil-kwistjonijiet tal-VAT ta' din is-socjeta', meta bdew il-proceduri kriminali kontra tieghu, li kkulminaw fis-sentenza tat-28 ta'Gunju 2012. Infatti fit-18 ta' Gunju 2012 l-istess Wang kien iffirma u pprezenta l-Form K – vide Dok. WX1 a fol. 95. Ta' min jinnota illi **fis-sentenza tat-28 ta' Gunju 2012, l-indirizz ta' Xuan Wang jidher bhala 24, Triq it-Torri Qrendi**. Di piu ta' min jaccena ghall-fatt illi l-firma ta'Xuan Wang fil-Memorandun and

Article of Association **ma taqbilx** mal-firma tieghu fil-Form K – vide ittra tal-MFSA li tinstab a fol. 96.

Fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, d-Direttur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illi waqt il-proceduri kriminali kontra Wang gie a piena konjizzjoni tieghu, l-qerq li gie prattikat fuq il-familja Wang inkluz il-bdil ta' indirizz ta'Wang, ma setghax, in koxjenza, **jistrieh fuq *demand notice* li harget fis-sena 2008** f'indirizz illi **kien jaf** li Wang ma kienx joqghod fih.

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza **Caruana vs Kummissarju** Ibid, l-intimat ma jistghax jipretendi li ghandu titolu ezekuttiv, skond it-tieni parti tas-subinciz (2) tal-Artikolu 59 'l ghaliex ma jirrizultax illi r-rikorrenti qatt kien notifikat bin-nota tal-avviz tal-hlas ta' taxxa u penali amministrattiva kif previst fl-ewwel parti tas-subinciz (1) tal-Artikolu 59. Huwa biss wara li tigi ankrata tali notifika tad-*demand notice* li l-intimat seta' jipprocedi bin-notifika tal-att gudizzjarju biex jipprocedi bil-mandat ta'sekwestru.

Fl-isfond tac-cirkostanzi fuq indikati, l-mankanza da parti tal-intimat tan-notifika tad-*demand notice*, tassumi rilevanza akbar 'l ghaliex ir-rikorrenti mil-bidu nett cahad illi kellu kwalunkwe involviment f'din is-socjeta'.

Stabbilit illi l-intimat kien inadempjenti skond l-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 isegwi illi l-intimat ma jistghax jitqies illi ghandu titolu ezekuttiv kontra r-rikorrenti.

Ezami dettaljat tal-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti juri b'mod car illi l-uniku persuna illi ghandha titqies bhala responsabbli ghall-hlasijiet mitluba mil-intimat Kummissarju tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud huwa l-persuna Raymond Cauchi, illi wara li ddefroda lil genituri ta' Xuan Wang minn gidhom, iggenera id-debitu mad-Dipartiment tat-Taxxa tal-Valur Mizjud u spicca biex abskonda minn dawn il-gzejjer, u halla lil Xuan Wang f'inkubu t'inkwiet.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti; in vista ta' dan tastieni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba; u tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti Xuan Wang.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------